## 28 ta' Mejju, 1958

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Francesca Saveria sive Saverina Muscat

*versus*

Bice Borg ne. et

## Legat — "Conditio" — "Modus"

*Il-"modus" mhux ħaġ'oħra ħlief obligazzjoni aċċessorja għal kuntratt ta' indoli gratuwita, li tiġi mposta lill-persuna gratifikata; mingħajr dan il-"modus", il-kuntratt ikun perfettament gratuwitu, u jsir liberalità; il-"modus" inaqqas il-benefiċċju tal-persuna gratifikata, u jirrendi l-kuntratt imperfettament oneruż; għalhekk, il-"modus" hu konċepibbli biss fid-donazzjonijiet u fil-liberalitajiet testamentarji, jew almenu f'dawk il-kuntratti li, għalkemm apparentement korrispettivi, jikkontjenu però taħlita ta' liberalità, u fil-limiti ta' din il-liberalità l-att hu kapaċi li jkun sottopost għal piż, għal "onus", jiġifieri għal "modus".*

*Il-"modus" jiddifferixxi mill-"conditio" (1) għaliex "la condizione" qatt ma għandha effikaċja koerċittiva, imma merament effett sospensiv jew riżoluttiv, waqt li l-"modo" jipproduċi effett koerċittiv, u mhux sospensiv; il-persuna gratifikata takkwista mill-ewwel il-proprjetà mħollija lilha, u dan mingħajr ma toqgħod tistenna l-adempiment tal-"modus", imma hija tkun tista' tiġi mġiegħla teżegwixxi l-"modus", jekk tkun aċċettat il-liberalità; (2) għaliex, jekk "la condizione" hi impossibbli jew illeċita, "vitiatur et vitiat", waqt li, jekk il-"modus" hu mpossibbli jew illeċitu, ikun null fih stess, imma ma jassoġġettax għan-nullità il-liberalità li għaliha jaċċedi, jiġifieri "vitiatur tantum".*

*Meta jkun hemm xi dubju jekk l-intenzjoni tad-disponent kienetx dik li tapponi għall-att "condizione" jew "modus", għandu jiġi preżunt "il modo", u mhux "la condizione".*

*Fil-każ preżenti, it-testatriċi kienet ħalliet lill-attriċi legat "a limine intus" b'titolu ta' liberalità kemm ukoll bħala rimunerazzjoni għal serviġi li l-attriċi rrendiet lit-testatriċi tul ħajjitha, u fis-sens ukoll li l-attriċi għal dawk is-serviġi*

*ma kellhiex tippretendi ebda kumpens ieħor barra dak il-legat; 'l-konvenuta ppretendiet li dak il-legat kellu jiġi ridott għax l-attriċi ma baqgħetx isservi lit-testatriċi sakemm din damet ħajja; u l-Qorti qatgħet li d-dispożizzjoni testamentarja li kienet tikkontjen dak il-legat kienet dispożizzjoni modali, u mhux kondizzjonali, u illi għalhekk il-legat kellu jiġi konsegwit fl-interezza tiegħu; u dan aktar u aktar billi l-attriċi ma kienetx ħalliet is-servizz tad-decujus kapriċċjożament, jew għaliex ġiet imkeċċija mid-decujus, imma għaliex il-kontinwazzjoni tas-serviġi kienet saret 'mpossibbli mħabba fatt indipendenti mill-volontà tal-legatarja; u wkoll għaliex it-testatriċi, avvolja ġew diskontinwati s-serviġi, ma ħassretx dak il-leġat.*

*Wara kollox, fid-dispożizzjonijiet modali hi ammessa largament kwalunkwe raġuni ta' skuża, fis-sens li, jekk il-gratifikat ma jademplix il-"modus" għal xi raġuni tajba li ma tiddimostrax dolo jew kolpa, l-istess gratifikat ma jiddekadix mill-liberalità.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u jingħataw il-provvedimenti opportuni, peress li l-imsemmija Marianna Debono del Conti Ciantar, li mietet fl-24 ta' Lulju 1951, b'testment tagħha taż-17 ta' Jannar 1950 fl-atti tan-Nutar Dr. John Spiteri Maempel istitwiet eredi unika tagħha lill-konvenuta Bice Borg, u ħalliet bħala legat lill-attriċi l-mobbli tad-dar fejn kienet tabita l-istess testatriċi, Sliema, Windsor Terrace numru 38, il-fajjenza, l-oġġetti tal-ħġieġ, bjankerija u kwalunkwe ħaġa oħra, kollox kompriż, barra l-flus u t-titoli li jirrappreżentawhom, u barra l-oġġetti tad-deheb u l-ġojjelli, jiġifieri legat "a limine intus"; u dan il-legat ġie lill-attriċi mħolli tant b'titolu ta' liberalità kemm ukoll bħala rimunerazzjoni ta' serviġi li l-attriċi rrendiet lit-testatriċi tul ħajjitha, u fis-sens li l-legatarja ma jkollha ebda dritt għal xi kumpens ieħor barra l-preżenti legat; u peress illi dak kollu li kien hemm fid-dar tal-abitazzjoni tal-imsemmija Marianna Debono dei Conti Ciantar jappartjeni lill-assi ereditarju tagħha u lill-assi ereditarju ta' ħuha Salvatore Debono dei Conti Ciantar fuq imsemmi, nofs kull wieħed "pro indiviso"; u peress li l-għamara u l-effetti mobili kollha tad-dar fuq imsemmija ta' Marianna Debono

dei Conti Ciantar huwa dawk riżultanti prinċipalment mill-annessa lista (dok. D), barra oħrajn li jirriżultaw fit-trattazzjoni tal-kawża; l-attriċi titlob illi (1) jiġi dikjarat u deċiż liema huma l-għamara u l-effetti mobili kollha pertinenti ndiviżament lill-imsemmijin aħwa Debono dei Conti Ciantar, u li waqt li sar l-imsemmi testment kienu jinsabu fl-imsemmija dar tal-abitazzjoni tal-imsemmija Marianna Debono dei Conti Ciantar; (2) dawn l-għamara u l-effetti mobili kollha jiġu diviżi f'żewġ porzjonijiet ugwali, billi waħda minn dawn il-porzjonijiet tiġi assenjata lill-assi ereditarju tal-imsemmi Salvatore Debono dei Conti Ciantar, u l-porzjoni l-oħra tiġi assenjata lill-assi ereditarju tal-imsemmija Marianna Debono dei Conti Ciantar; (3) hija tiġi immessa fil-pussess ta' dawk l-għamara u l-effetti mobili l-oħra kollha li jiġu assenjati lill-imsemmi assi ereditarju tal-imsemmija Marianna Debono dei Conti Ciantar; billi jiġi, okkorrendo, nominat perit espert biex jivvaluta l-isemmija għamara u l-effetti mobili l-oħra kollha, u jissottometti l-imsemmi pjan ta' diviżjoni. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti fil-premessa kwalità;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Illi ma hemmx lok li tiġi eżaminata u deċiża l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta; għaliex, kif ġie verbalizzat fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 1954, il-konvenuta rrinunzjat għall-istess eċċezzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi bit-tieni eċċezzjoni minnha sollevata, il-konvenuta tallega li l-legat tal-attriċi għandu jiġi ridott, għaliex, fost raġunijiet oħra, l-attriċi ma baqgħetx taqdi lid-decujus sakemm damet ħajja. Bażi ta' din l-eċċezzjoni, li magħha assoċja ruħu l-konvenut, hi l-allegazzjoni li n-natura ġuridika tad-dispożizzjoni fit-testment ta' Marianna Debono dei Conti Ciantar, imsemmija fiċ-ċitazzjoni, hi kondizzjonali, u

mhux modali; ċjoè li l-legat ġie mit-testatriċi mħolli "sub conditione" u mhux "sub modo";

Illi bit-testment tagħha msemmi fiċ-ċitazzjoni, Marianna Debono dei Conti Ciantar ħalliet lill-attriċi, li allura kienet qegħdha ddur biha u tieħu ħsiebha fil-bżonnijiet kollha meħtieġa, il-legat tal-mobili kollha kif imsemmi fl-istess att, kif ukoll ħalliet legat ta' £50 lil Rosa Cassar, iz-zija tal-attriċi, u ddikjarat li dawk id-dispożizzjonijiet kienet qegħdha tagħmilhom mhux biss b'animu ta' liberalità versu min dejjem irrispettaha u dar biha, imma wkoll in kompensazzjoni tas-serviġi personali li rrendewlha f'ħajjitha u li jkomplu jirrendulha sakemm iddum ħajja; fis-sens li ħadd minn dawn ma jkollu dritt li jitlob kumpens oltre u divers. Mhux kontestat li l-attriċi ma baqgħetx iddur u tieħu ħsieb id-decujus sakemm din mietet, billi l-attriċi ħalliet is-servizz tagħha minn mat-testatriċi f'Settembru 1950, u din tal-aħħar mietet f'Lulju 1951; u għalhekk il-konvenuti jallegaw li l-attriċi ddekadiet mill-imsemmi legat; għaliex, biex tikkonsegwieħ kollu, hija kellha l-kondizzjoni mposta mit-testatriċi li tkompli tipprestalha s-serviġi tagħha sa meta tmut;

Illi d-differenza markata li hemm bejn "la condizione" u "il modo", kif ukoll ir-regoli li l-interpreti ddettaw biex jiddeterminaw jekk dispożizzjoni hijiex modali jew kondizzjonali, jinsabu żvolti b'mod l-aktar ċar fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju 1951, in re "Debono vs. Borg". B'żieda, jekk hemm bżonn, ta' dawk il-prinċipji, li għalihom issir riferenza, jingħad x'inhu l-"modus" u x'inhuma d-differenzi bejnu u l-"conditio";

Il-"modus" mhux ħaġ'oħra ħlief obligazzjoni aċċessorja għal kuntratt ta' indoli gratuwita, li tiġi mposta lill-persuna gratifikata. Mingħajr dan il-"modus", il-kuntratt ikun perfettament gratuwitu, u jsir liberalità. Il-"modus" inaqqas il-benefiċċju tal-persuna gratifikata u jirrendi l-kuntratt imperfettament oneruż. Għalhekk, il-"modus" hu konċepibbli biss fid-donazzjonijiet u fil-liberalitajiet testamentarji, jew almenu f'dawk il-kuntratti li, għalkemm apparentement korrispettivi, jikkontjenu però taħlita ta' liberalità, u fill-limiti ta' din il-liberalità l-att hu kapaċi li

jkun sottopost għall-piż, għal "onus", jiġifieri għal "modus";

Il-"modus" jiddiferixxi mill-"conditio" (1) għaliex "la condizione" qatt ma għandha effikaċja koerċittiva, imma merament effett sospensiv jew riżoluttiv, waqt li l-"modo" jipproduċi effett koerċittiv, u mhux sospensiv; il-persuna gratifikata takkwista mill-ewwel il-proprjetà mħollija lilha, u dan mingħajr ma toqgħod tistenna l-adempiment tal-"modus", imma hija tkun tista' tiġi mġiegħla teżegwixxi l-"modus", jekk tkun aċċettat il-liberalità; (2) għaliex, jekk "la condizione" hi impossibbli jew illeċita, "vitiatur et vitiat", waqt li, jekk il-"modo" hu mpossibbli jew illeċitu, ikun null fih stess, imma ma jassoġġettax għal nullità l-liberalità li għaliha jaċċedi, jiġifieri "vitiatur tantum";

Illi, wara dan it-tfissir, din il-Qorti hi ta' fehma li d-dispożizzjoni fil-kwistjoni hi ta' natura modali. Infatti, (a) l-istess dispożizzjoni timponi bl-iżjed mod ċar piż fuq l-attriċi fl-interess esklużiv tad-disponenti; u skond id-dottrina ċitata fl-imsemmija sentenza, sabiex dispożizzjoni tkun tista' tingħad li hi ta' karattru modali, hu rikjest li l-"onus" mpost lil xi parti ma jkunx jirrigwarda l-interess proprju tal-persuna gratifikata, iżda dak tal-persuna li tkun imponiet dak l-"onus"; (b) in-natura tal-istess "onus" impost f'dik id-dispożizzjoni ma taċċenna bl-ebda mod għal xi event futur u inċert, kif irid ikun il-każ ta' dispożizzjoni kondizzjonali, li minnha tkun tiddependi l-istess kondizzjoni;

Wara kollox it-testatriċi ħalliet dak il-legat lill-attriċi "b'animu ta' liberalità", u għalhekk dik d-dispożizzjoni hi ta' legat rimuneratorju li ma jimpedix l-akkwist da parti tal-legatarju mal-mewt tad-disponenti, u li kien intiż biex jirretribwixxi lill-gratifikata, lill-attriċi, għas-serviġi li allura kienet ġa tat u li kienet għadha tagħti lit-testatriċi, barra għal dawk li kellha tagħti l-quddiem sal-mewt ta' din tal-aħħar. B'dik id-dispożizzjoni, it-testatriċi ma mponiet ebda kondizzjoni lill-attriċi, imma biha ġiet tobliga lill-attriċi, li akkwistat il-legat appena ġie mħolli lilha, li ma tkunx tista' tippretendi kumpens divers, partikolarment fl-

entità tiegħu, fil-każ li kellha ddum tgħix għal ħafna żmien wara li għamlet dak it-testment u l-attriċi tibqa' sservihom;

Il-konvenuti ma jistgħux jgħidu li l-oneri mpost bid-dispożizzjoni msemmija hu ta' natura tali li neċessarjament kellu jiġi eżegwit matul il-ħajja tat-testatriċi, jew qabel ma l-legatarja, l-attriċi, tkun ikkonsegwiet il-legat, u li għal-hekk, billi l-attriċi ma setgħetx tikkonsegwixxi l-legat qabel l-adempiment tal-fatt ordnat mit-testatriċi, id-dispożizzjoni għandha titqies magħmula "sub conditione"; għaliex, kif ġie rilevat fl-imsemmija sentenza, għalkemm hu veru li l-ħaġa legata "sub modo" ma kienetx tkun ġiet lill-legatarju ħlief meta huwa jkun adempixxa jew assigura l-volontà tat-testatur, jibqa' dejjem li d-differenza bejn il-"modus" u l-"conditio" tirrisjedi fil-fatt preċipwu li fil-"modus" ma jiġix sospiż l-effett tal-legat, kif jiġri dwar il-kondizzjoni, li tissospendi l-eżistenza u l-eżekuzzjoni tad-dispożizzjoni. Fi kliem ieħor, il-"modus" hu aġġunta lil xi dispożizzjoni testamentarja li tkun timporta, di fronti għall-partijiet jew għal xi waħda minnhom, xi obligu li jimmodifika d-dispożizzjoni; iżda din l-aġġunta ma għandhiex l-effett tal-kondizzjoni riżoluttiva espressa. Għalhekk ma jidherx li hemm xi dubju dwar jekk dik id-dispożizzjoni hijiex modali jew kondizzjonali; del resto, hu magħruf li, meta jibqa' dubju jekk l-intenzjoni tad-disponenti kienetx dik li tapponi għall-att "condizione" jew "modo", għandu jiġi preżunt "il modo", u mhux "la condizione" (Pacifici Mazzoni, Istituzioni, Vol. VI, 395; Giorgi, Obbligaz. Vol. V, 389; Vol. XVII-II-106; XXIII-II-272; XXXIII-II-97; XXXV-II-443);

Illi jiġi wkoll osservat li, fi kwalunkwe każ, l-attriċi ma naqsetx mill-obbligu tagħha, li ġie lilha mpost mit-testatriċi. Hija ma ħallietx mis-servizz tagħha mat-testatriċi kapriċċjożament, jew għaliex ġiet imkeċċija mid-decujus, imma għaliex kienet marida, ċjoè, kif xehed it-Tabib Dr. James Farrugia, billi hija kienet marida fi stat miżerabbli, b'"nervous breakdown"; u kif ġie ritenut minn dil-Qorti, il-prelegat imħolli b'rimunerazzjoni u kumpens ta' serviġi, kuri u assistenzi, ġa prestati mill-prelegatarju, li kellu jibqa' jippresta s-serviġi sal-mewt tat-testatur, għandu jitqies bħala modali u konsegwibbli minnu, għalkemm ma

baqgħax jippresta dawk is-serviġi sal-mewt tat-testatur, meta d-diskontinwazzjoni saret impossibbli minħabba fatt indipendenti mill-volontà tal-prelegatarju (Vol. XVII-II-137);

Barra minn dan, jirriżulta li t-testatriċi kienet taf li l-attriċi kienet sejra tħalliha, u, skond l-attriċi, lil din qaltilha biex tibqa' tmur taraha, kif fil-fatt hija ppruvat tagħmel, imma min kien hemm iservi lit-testatriċi minflokha ma fetħilhiex. Intant, l-istess testatriċi, għalkemm kienet taf li l-attriċi kienet ħallietha, la rrevokat u lanqas ma mmodifikat l-imsemmija dispożizzjoni; u fil-fatt għalhekk hija wriet li l-istess kellha tibqa' sseħħ "in toto", malgrado dak il-tluq minn magħha tal-attriċi. Ma jistgħux hawn il-konvenuti jopponu u jgħidu li fid-dispożizzjonijiet kondizzjonali d-dekadenza tal-legatarju mill-gratifikazzjoni f'każ ta' inadempiment hi insita fil-legat stess, u għalhekk ebda neċessità ma kellha t-testatriċi li tirrevoka espressament id-dispożizzjoni ġa msemmija biex tirreġistra d-diżapprovazzjoni tagħha di fronti għall-impediment sopraġġjunt imsemmi mill-attriċi; għaliex, kif irriteniet ukoll din il-Qorti, ġie dejjem affermat fid-dottrina li, jekk fil-kuntratti sinallagmatiċi jista' jkun hemm il-kondizzjoni riżoluttiva taċita, fit-testmenti, għaliex unilaterali, dik id-dekadenza mhix ta' natura ta' dawk l-attijiet (Vol. XXXIII-II-97); din l-obbjezzjoni tista', del resto, tinġieb mill-konvenuti fil-każ li l-imsemmija dispożizzjoni kienet kondizzjonali. Jiżdied jingħad li fid-dispożizzjonijiet modali, bħal ma hi dik fil-kwistjoni, hi ammessa largament kwalunkwe raġuni ta' skuża; fis-sens li, jekk il-gratifikat ma jadempix il-"modus" għal xi raġuni tajba li ma tiddimostrax dolo jew kolpa, l-istess gratifikat ma jiddekadix mill-liberalità (Vol. XXXIII-II-97; XX-II-496). U r-raġuni addotta mill-attriċi, konfermata mit-Tabib Dr. James Farrugia, għaliex hija ma kompletx isservi u tikkura lid-decujus, ma kienetx xi skuża kwalunkwe, imma kienet ġustifikata, bla ebda dolo jew kolpa minn naħa tagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-imsemmija eċċezzjoni tal-konvenuti, billi tiddikjara li n-natura ġuridika tad-dispożizzjoni msemmija

fit-testment ta' Marianna Debono dei Conti Ciantar hi modali, u mhux kondizzjonali; bl-ispejjeż kontra l-konvenuti. Tiddifferixxi l-kawża għat-trattazzjoni ulterjuri tagħha għas-seduta tal-24 ta' Ġunju 1958.